7 ta' Mejju, 1947.

Il-Qorti;

Fuq l-incident sollevat mill-Prosekuzzjoni dwar jekk għandhomx jingiebu bħala provi anki d-dikjarazzjonijiet ta' Karmnu Vella (ko-imputat, iżda proċessat separatament), kif riferiti dawn id-dikjarazzjonijiet mix-xhieda li semgħuh jagħmel dawna d-dikjarazzjonijiet;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dawna d-dikjarazzjonijiet ta' Vella, riferiti mix-xhieda, ma humiex produċibbli, għal dawna ż-żewġ raġunijiet:—

1. Jekk Vella (li għalkemm ko-imputat, ma hux qiegħed jiġi proċessat ma' l-akkużata) hu produċibili bħala xhud, allura r-ripetizzjoni ta' dawk id-dikjarazzjonijiet minn xhieda tikkostitwixxi "secondary evidence", li ma hix permissibili meta tista' tingieb il-"primary evidence". Jekk, għall-kuntrarju, Vella, għal grazzja ta' l-ipotesi, ma hux produċibili, allura ma jistax l-ostakolu ta' l-improduċibilità tiegħu jiġi eżkluż billi jingiebu xhieda biex jgħidu dak li hu ma jistax jingieb biex jgħid;

2. Hu liġi illi dikjarazzjonijiet ta' ko-imputat ma jistgħux jippreġudikaw ko-imputat ieħor. Ma jidherx sewwa illi tiġi trasandata dina l-liġi, billi d-dikjarazzjonijiet tal-ko-imputat Vella jiġu riferiti minn xhieda fil-proċess ta' l-akkużata;

Għalhekk il-Qorti teskludi mill-provi kontra l-akkużata d-dikjarazzjonijiet ta' Karmnu Vella, ko-imputat, kif riferiti mix-xhieda.

3 ta' Diċembru, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. Prof. E. Ganado, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Karmnu Vella

**Provi — Xhieda tal-Ko-Imputat — "Hearsay Evidence" — Art. 598, 641 u 452 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dikjarazzjonijiet ta' ko-imputat, in kwantu li jiġu riferiti minn xhieda oħra, huma evidentement "hearsay evidence", li ma hix bħala regola ammissibili.*

*Imma jekk il-ko-imputat ikun ġie proċessat separatament u kundannat, il-proċess tiegħu spiċċa u huwa jsir xhud legalment produċibili; u l-Prosekuzzjoni għandha ġġib bħala prova lil dak l-istess ko-imputat, u mhux tagħti prova tad-dikjarazzjonijiet tiegħu permezz tax-xhieda ta' ħadd ieħor.*

*Però dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jissemmew meta huma jiffurmaw parti integrali u inxindibili ta' xi dikjarazzjonijiet ta' l-istess akkużat, b'mod li jkunu parti ta' l-istess "transaction";*

*Billi il-Qorti tammetti eċċezzjonalment il-"hearsay evidence", iridu jirrikorru ċirkustanzi speċjali.*

*Meta ko-imputat ikun ġie proċessat separatament u kundannat, u għalhekk isir xhud legalment produċibili, il-Prosekuzzjoni tista' tipproduċih fil-proċess kontra l-ko-imputat l-ieħor avvolja ma tkunx indikat ismu fin-nota tax-xhieda.*

*Xhieda li ma jkunux ġew indikati fin-nota ma jistgħux jinġiebu mingħajr permess speċjali tal-Qorti, u dan il-permess jingħata meta l-prova li trid issir tkun hija rilevanti u l-akkużat ma jkunx sofra ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet offerta fin-nota.*

*Il-kelma "ħsara" fil-materja ma tikkonsistix fl-"effikaċja" tal-prova, imma tfisser biss illi ma għandux ikun hemm sorpriża li tivvjola l-lealtà u l-bwona fede tad-diskussjoni, b'mod illi l-parti avversa tkun imqiegħda f'diffikultà li tikkontrapponi difiża valida kontra dik il-prova.*

Il-Qorti, — Fuq l-inċident dwar jekk il-Prosekuzzjoni għandhiex id-dritt li ġġib bħala prova d-dikjarazzjonijiet magħmulin minn Kalċidonia Abdilla, li għall-bidu kienet ġiet

akkużati fl-istess att ta' l-akkuża ma' l-akkużat tal-lum, iżda mbagħad ġiet proċessata separatament u ġiet kundannata;

Ikkunsidrat;

Illi d-dikjarazzjonijiet ta' l-istess Abdilla, in kwantu li jiġu riferiti minn xhieda oħra, huma evidentement "hearsay evidence", li ma hijex per regola ammissibili;

Illi ġaladarba l-istess Abdilla ġiet proċessata separatament, u l-lum tinsab kundannata, u għalhekk il-proċess kontra tagħha spiċċa, konsegwentement hi saret xhud legalment produċibili. Minn dana jiġi li, jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha li għandha tagħmel prova kontra l-akkużat bid-dikjarazzjonijiet tagħha, ma għandhiex tagħti prova ta' dawna d-dikjarazzjonijiet per mezz tax-xhieda ta' ħadd ieħor, imma għandha ġġib l-aħjar prova ("primary evidence"), ċjoè dik ta' l-istess Abdilla;

Illi però, jistgħu jissemmew dawna d-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla, meta huma jiffurmaw parti integral u inxindibili ta' xi dikjarazzjonijiet ta' l-istess akkużat, b'mod li jkunu parti ta' l-istess "transaction" (res gestae);

Illi l-Prosekuzzjoni invokat l-art. 598 tal-Kap. 15, li hu magħmul applikabil għall-proċeduri kriminali bl-art. 641 tal-Kap. 12. Il-Qorti però ma ssibx li hemm xi ċirkustanzi speċjali li jistgħu jinklinawha biex tammetti eċċezzjonalment dina l-"hearsay evidence";

Għalhekk tirsolvi l-inċident;

Billi "rebus sic stantibus" tirrespinġi l-prova tad-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla per mezz ta' xhieda oħra, u mhux direttament minnha stess, salv li l-Qorti tippermett li jissemmew dawna d-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla biss meta u jekk ikunu jiffurmaw parti integrali u inxindibili tad-dikjarazzjonijiet ta' l-istess akkużat, b'mod li verament ikunu parti ta' l-istess "transaction", u dana biss limitatament, jiġifieri biss safejn id-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla jkun hemm il-bżonn li jissemmew sabiex wieħed ikun jista' jifhem id-dikjarazzjonijiet ta' l-istess akkużat.

---

Il-Qorti. — Fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiġi prodotta bħala xhud Kalċidonja Abdilla, opposta mid-difiża;

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat tal-Kuruna, fil-kors ta' l-ewwel stadju tal-ġudizzju, jiġifieri meta kien għadu qiegħed jipproduċi l-provi tiegħu u għad fadallu jipproduċi xhieda importanti, talab li jiġi ammess jipproduċi bħala xhud lil Kalċidonja Abdilla, li għall-bidu kienet ko-imputata, iżda mbagħad, meta saret is-separazzjoni tal-ġudizzji, ġiet proċessata separatament u kundannata;

Illi ma hemmx dubju li l-lum, li dina Kalċidonja Abdilla ġiet kundannata, u għalhekk il-proċeduri kontra tagħha spiċċaw, hi saret xhud legalment ammissibili — salva kull kwistjoni ta' korroborazzjoni tagħha bħala komparteċipi fid-delitt;

Ikkunsidrat;

Illi hu ċar li l-Prosekuzzjoni, fiż-żmien li ppreżentat in-nota tax-xhieda skond l-art. 452 Kap. 12, ma setgħetx allura tikkomprendi fost l-ismijiet tax-xhieda dak ta' Kalċidonja Abdilla, għaliex dina kienet allura mhux legalment produċibbli bħala ko-akkużata f'att ta' akkuża wieħed;

Illi skond il-liġi (art. 452 (5) (6) Kap. 12), ebda xhud li ismu ma jkunx fin-nota tax-xhieda ma jista' jinġieb mingħajr permess speċjali tal-Qorti; u dana l-permess jingħata biss meta jinsab li l-prova hija rilevanti, u l-akkużat ma jkunx bata ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet mogħtija fin-nota;

Illi l-Qorti hi ta' fehma illi x-xhieda ta' Kalċidonja Abdilla hija rilevanti għall-każ;

Illi, kwantu għall-kelma "ħsara" użata fil-liġi, ġie ripetutament ritenut minn dawna l-Qrati illi dina l-ħsara ma tikkonsistix fl-"effikaċja" tal-prova; għaliex kieku kien hekk, allura ma kien ikun hemm qatt lok għal dana l-permess la darba l-prova għandha tkun rilevanti. Bil-kelma "ħsara" l-liġi riedet tfisser illi ma għandux ikun hemm sorpriża li tiżvjola l-lealtà u l-bwona fede tad-diskussjoni, b'mod illi l-parti avversa tkun imqiegħda f'diffikultà li tikkontrapponi difiża valida kontra dik il-prova;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in ispeċje l-Qorti ma ssibx li kien hemm la dina s-sorpriża u lanqas dana l-preġudizzju; għar-raġunijiet segwenti :—

1. Kif ġà ntqal, l-Prosekuzzjoni ma setgħetx, fiż-żmien

moghri mil-ligi, tindika isem Kalċidonja Abdilla fin-nota preskritta mill-art. 452 Kap. 12, ghaliex f'dak iż-żmien Abdilla ma kienetx legalment ammissibili bhala xhud;

2. Il-ġudizzju ghadu fi stadju li fih il-Prosekuzzjoni ghadha qieghda taghmel il-provi taghha, u d-difiża ghadha ma bdietx il-parti taghha;

3. Il-Prosekuzzjoni fin-nota tax-xhieda kienet ikkomprendiet xhieda (e.g. Calcedonia Barbara u Tonina Mifsud) li fid-depożizzjoni taghhom fil-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti Istruttorja kienu rripetew dikjarazzjonijiet ta' Kalċidonja Abdilla (allura imputata), u ghalhekk id-difiża ma jistax ma kellhiex minn dak iż-żmien nozzjoni tax-xorta ta' dikjarazzjonijiet ta' Abdilla. Sal-lum, jiġifieri sa meta bid-digriet taghha tal-lum il-Qorti rrespinġiet il-prova ta' dawn id-dikjarazzjonijiet ripetuti minn hadd iehor, id-difiża kellha l-aġju li tipprepara ruhha kontra taghhom; u appuntu dawna d-dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu x-xhieda ta' Abdilla li qieghda tiġi issa offerta;

4. Il-Prosekuzzjoni, sakemm ma nghatax id-digriet tallum fuq imsemmi, setghet sperat li l-Qorti tammetti bhala prova d-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla ripetuti minn hadd iehor, u ghalhekk, ghar-raġunijiet li dehrilha spedjenti, ma rritenietx li kellha ssejjah lil Abdilla bhala xhud qabel il-pronunċja tal-Qorti;

Illi l-Qorti tista' dejjem, jekk titlob id-difiża, taghtiha intervall biex tipprepara ruhha kontra l-prova ġdida u tikkontrapponi provi ohra ġodda ghad-diskariku;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti dan kollu, l-istess Qorti thoss illi, wara d-digriet taghha fuq imsemmi tespinġent l-prova tad-dikjarazzjonijiet ta' Abdilla bir-relazzjoni ta' hadd iehor, inholqot innecessità li tiġi mismugha bhala xhud l-istess Abdilla, sabiex fl-interessi supremi tal-ġustizzja l-ġurati jkollhom quddiemhom il-fatti kollha kemm huma; u hu risaput illi l-Qorti ghandha, skond l-art. 452 (7) Kap. 12, il-jedd li tordna l-produzzjoni ta' xhud f'ċirkustanzi simili;

Ghalhekk;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiqa' d-domanda tal-Prosekuzzjoni għall-produzzjoni tax-xhud Kalċidonja Abdilla, salv li d-difiża tipproduċi xhieda oħra biex tikkumbatti l-prova hekk ammessa, u salv ilii, jekk jitlob id-difensur, jingħata intervall lill-istess difiża biex tipprepara ruħha kontra dina l-prova ġdida.